19 ta' Ġunju, 1950

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Lawrence Cachia Zammit et.** *versus* **Carmelo Chetcuti, A. & C.E.**

**Provi — Perizja Kalligrafika — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Appell — Nullità — Art. 227 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Mhix korretta l-allegazzjoni illi l-perizja kalligrafika weħedha ma għandhiex valur legalment bħala prova u illi, għaldaqstant, mhix ammissibili l-prova offerta b'dik il-perizja. Għax il-kwistjoni tal-forza probatorja tal-perizja kalligrafika ma taffettax il-kwistjoni ta' l-ammissibilità tal-prova offerta bil-produzzjoni tagħha. Għaldaqstant il-prova offerta biha hija ammissibili, salva l-kwistjoni tal-forza probatorja ta' dik il-perizja flimkien mal-kumpless tal-provi l-oħra li jsiru fil-proċess.*

*Il-Liġi tal-Proċedura Tagħna tammetti distinzjoni waħda biss fil-pronunċjamenti ġudizzjarji — dik bejn sentenza definitiva u digriet interlokutorju. Is-sentenza tpoġi fini għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal li jippronunzjaha, u toħloq il-bażi għall-eċċezzjoni tal-ġudikat; id-digriet interlokutorju, għall-kuntrarju, jiġi pronunzjat fil-kors tal-ġudizzju u jippreżumi sentenza definitiva li tiġi mogħtija wara, u ma jivvinkolax lit-tribunal li jkun emettieh, u li jista' wkoll jirrevokah.*

*Il-pronunċjament tal-Qorti li bih tiddikjara ammissibili l-prova offerta per mezz ta' perizja kalligrafika huwa digriet interlokutorju; u għalhekk l-appell li sar minn dak il-pronunċjament huwa null, jekk ma jsirx fil-forma u fit-terminu stabbiliti mill-liġi għall-appelli mid-digrieti interlokutorji.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, wara li qalu li l-attur Lawrence

Cachia Zammit, per mezz ta' ittra bid-data tas-16 ta' Awissu 1947, iffirmata "A. Mc. Pherson" (dok. A), ġie akkużat lill-Manager tan-National Bank of Malta, fejn hu impjegat, illi naqas mid-doveri tiegħu billi żvela lil missieru liema ammonti jinsabu depożitati fl-istess Bank posseduti minn dawk il-persuni illi missier l-attur kien jixtieq ikun jaf x'inhija l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom; u li din hija akkuża serja ħafna għar-rigward ta' l-impjegat tal-Bank, u l-atturi kellhom interess illi juru l-falsità ta' dina l-akkuża; u illi wara illi Kaptan Mc. Pherson (Lija), illi verament l-inizjali tiegħu hija "K" u mhux "A", innega kategorikament illi huwa kien l-awtur ta' l-imsemmija ittra, l-atturi per mezz ta' perizja kalligrafika vverifikaw illi l-awtur ta' dina l-kalunnja kien il-konvenut; u illi huwa falz illi l-attur Lawrence Cachia Zammit qatt żvela lil missieru depożiti tal-konvenut jew ta' persuni oħrajn fil-Bank; talbu (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut huwa l-awtur ta' l-ittra tas-16 ta 'Awissu 1947 fuq imsemmija; (2) li jiġi dikjarat illi l-allegazzjonijiet kontenuti f'dik l-ittra huma foloz; (3) li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi d-danni u l-ispejjeż kollha, kompriżi l-ispejjeż tal-perizja (dok. B), li jiġu likwidati mill-Qorti, li huma sofrew bħala konsegwenza ta' l-akkuża falza tal-konvenut u biex jiddefendu ruħhom kontra tagħha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu 1949, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi huwa mhux l-awtur ta' l-ittra iffirmata "A. Mc. Pherson", u l-perizja kalligrafika ma hix legalment biżżejjed biex tattribwixxi lilu l-paternità tagħha;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fid-19 ta' April 1950, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut, tant għall-isfilz tal-perizja prodotta, u ordnat li l-istess tibqa' annessa, imma għal issa magħluqa, kif ukoll ċaħdet l-eċċezzjoni li ma għandhiex taħtar perit kalligrafu ieħor, u qiegħdet il-kawża għat-3 ta' Mejju 1950, fid-9 a.m., sabiex, jekk dik id-deċiżjoni tkun għaddiet "in giudicato", taħtar perit kalligrafu wara li tisma' l-provi kollha; u ordnat illi l-ispejjeż ta' l-inċident iħallashom il-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li fis-16 ta' Awissu 1947 ġiet miktuba ittra, iffirmata "A. Mc. Pherson", lill-Manager tad-"The

National Bank of Malta", fejn huwa mpjegat l-attur Lawrence Cachia Zammit, bin l-attur l-iehor, u li l-kontenut tagħha, ma hemmx bżonn jingħad, huwa dannuż għall-istess attur l-ewwel wieħed innifsu. Jirriżulta wkoll li l-isem appost fil-qiegħ ta' dik l-ittra kien ġie assunt; il-għaliex f-uniku klijent tal-Bank innifsu li jġib dak il-kunjom ma għandux bħala inizjali l-ittra "A" bħala l-ewwel waħda ta' l-isem proprju tiegħu. Missier l-ewwel attur fuq innifsu, u t-tieni attur f'din il-kawża, meta ġie nfurmat għall-ħabta ta' Awissu 1947 b'dika l-ittra, tħasseb ħafna; u meta rrifletta x'kien għadda minnu, issospetta fil-konvenut bħala l-awtur ta' l-ittra; u wara li għamel b'mod li jottjeni diversi oriġinali u ittri awtentiċi miktuba minn id il-konvenut, u fl-istess ħin mentri ottjena l-kunsinna ta' l-ittra nkriminata, qabbad perit kalligrafu a spejjeż tiegħu sabiex aktar jaċċerta ruħu fuq is-suspett tiegħu, u dak il-perit kalligrafu kkonfermah fl-opinjoni li kien għamel. Missier l-ewwel attur qal li s-suspett tiegħu waqa' fuq il-konvenut għaliex huwa kellu l-inċidenti minnu rakkontati fix-xhieda tiegħu, kif ukoll semma li huwa, wara l-perizja kalligrafika "ex parte", wera lill-konvenut b'kollox, anzi kellu xi jgħid miegħu bil-kliem, u l-konvenut, għalkemm innega l-paternità ta' dik l-ittra, talab li jara l-perizja kalligrafika li għal dan l-iskop ġiet depożitata għand in-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier, fejn, milli jidher, l-inkartament ġie eżaminat żgur mill-avukat tiegħu, jekk mhux anki mill-istess konvenut;

Illi in segwitu għal dawna l-fattijiet, l-atturi ġew 'il-quddiem bil-kawża odjerna kontra l-konvenut;

Illi l-ewwelnett jingħad li dina l-Qorti tħoss li l-perizja kalligrafika preżentata mill-atturi ma għandhiex tifforma parti mill-proċess għall-finijiet tal-konvinċiment ta' dina l-Qorti; il-għaliex l-istess hija dokument "ex parte"; imma l-istess ma għandhiex tiġi sfilzata, il-għaliex in kwantu l-istess tista' tifforma materja tad-dannu risentit mill-atturi, li jifforma wkoll meritu tal-kawża, għandha tibqa' annessa, imma magħluqa għal issa, għall-finijiet tal-likwidazzjoni u valutazzjoni ta' l-istess dannu, jekk ikun il-każ, u wara li tiġi riżoluta l-kwistjoni tar-responsabilità bil-mezzi li trid il-liġi, fosthom, okkorrendo, anki dik ta' perizja oħra, ammenokkè l-konvenut mhux dispost, bla ma jammetti l-verità stabbilita f'dik l-istess perizja u

l-valur ta' perizja simili, jaċċettaha sabiex j'gu evitati spejjeż, u sabiex dina l-Qorti tkun tista' tidħol fi-meritu tal-kwistjoni prinċipali;

Illi l-konvenut jikkontendi li (1) huwa mhux l-awtur ta' l-ittra nkriminata, u (2) li perizja kalligrafika mhix per sè legalment biżżejjed biex tistabbilixxi l-paternità ta' dik l-ittra llu, kif mhix kapaċi, waħedha, tistabbilixxi l-paternità ta' skrittura jew kitba ta' ebda persuna;

Dana t-tieni raġunament u argument oppożitorju tal-konvenut iġibu għall-konklużjoni li dina l-Qorti għandha "ipso facto" tiċħad kwalunkwe talba għal perizja ġdida; imma dana r-raġunament, fil-ħsieb tal-Qorti, inissel miegħu l-assurd ġuridiku fis-sens li l-Qorti tiċħad "a priori" l-prova ta' fatt li waħdu, jekk huwa minnu li ma jikkostwixxix il-prova pjena, imma huwa wkoll veru li per sè jista' jkun utli, u jista' jikkonduċi, flimkien ma' provi oħra, għal riżultament li in konsegwenza tiegħu tista' tiġi deċiża l-kawża. Del resto, it-teżi tal-konvenut fuq dana l-pont mhix suffragata mill-prattiċi. Infatti dawk l-istess prattiċi jgħidu li "probationes sunt admittendae quando possunt quoque modo ad causam conferre etiam pro solo adminiculo vel conjectura"; b'mod li huwa biżżejjed, għall-ammissjoni tal-prova, li l-istess tista' tikkonduċi għal xi riżultat utili; il-għaliex huwa nġuridiku u nċivili li l-ġudikant preventivament jiddeċidi l-influwenza ta' prova fuq il-kontestazzjoni definitiva ta' fatt li għad irid jiġi ppruvat;

Illi l-argument tal-konvenut a bażi tat-teżi tiegħu li l-perizji kalligrafi weħedhom ma għandhomx valur legalment ma hux korrett, espress b'mod hekk assolut, mingħajr relazzjoni għad-diversi modi ta' prova ta' skrittura, li jistgħu jkunu rispettivament ta' (1) "praesumptio ex visu scriptionis", (2) "praesumptio ex scriptis olim visis", u (3) "praesumptio ex comparatione scriptorum" jew "ex scripto nunc viso", kif jikklassifikahom il-Bentham (3 Judicial Evidence 598-599). Huwa minnu li l-aħħar mod ta' prova, li huwa dak li jinteressa din il-kawża, indipendentement mill-valur relativ tiegħu di fronti għall-modi l-oħra, flimkien magħhom huwa prekarju u perikoluż ħafna; imma dina l-konstatazzjoni ma taffettax l-ammissibilità tal-prova, iżda, se maj, il-forza probativa tagħha wara li tkun ammessa biex tifforma parti mill-proċess bħala prova ċir-

**kostanzjali biss tara l-każi ċitati minn Roxoe, Evidence in Civil Actions, pag. 144, taħt it-titolu "Proof and Comparison of Handwriting", Stevens & Sons, Ltd., u anki Sweet and Maxwell Ltd. London 1934, u "Best principles of the Law of Evidence", page 228, para. 247, Sweet and Maxwell Ltd. London 1922; u Cockle "Cases and Statutes of the Law of Evidence", pages 353-356, Sweet and Maxwell London, 1932);**

**Illi fl-aħħarnett, il-pretiża tal-konvenut li l-Qorti għandha tiddeċiha l-provi diretti li ġiebu sa issa l-atturi u dawk li għad trid tisma' bħal li huma dikjarati u li għalihom ma saretx rinunzja, u jekk jidhrilha li ma humiex konvinċenti tiċħad "ipso facto" t-talba, mhix legalment sana; il-għaliex il-Qorti għandha tiddeċidi fuq il-provi kollha ammissibili u prodotti, kunsidrati bħala kumpless; u mhux diversament;**

**Illi kwindi l-oppożizzjoni tal-konvenut għan-nomina ta' perizja oħra kalligrafa mhix ta' min jilqagħha;**

**Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata filmeritu u fil-kap ta' l-ispejjeż, billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tiegħu, bl-ispejjeż;**

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

**Illi bid-deċiżjoni appellata ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ta' l-appellant għall-isfilz tal-perizja prodotta maċ-ċitazzjoni, li kellha tibqa' annessa, iżda għal issa magħluqa, kif ukoll l-eċċezzjoni l-oħra li l-Qorti ma għandhiex tinnomina perit kalligrafu ieħor;**

**Ikkunsidrat;**

**Illi l-Liġijiet tagħna tal-Proċedura Ċivili jammettu biss distinzjoni waħda fil-pronunċjamenti ġudizzjarji, jiġifieri dik ta' digriet interlokutorju u ta' sentenza definitiva. Dina ta' l-aħħar tpoġġi fini għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal li jkun ippronunzjaha, u toħloq il-bażi għall-eċċezzjoni tar-"res judicata", mentri d-digrieti interlokutorji jiġu pronunċjati fil-kors tal-ġudizzju u jippresupponu sentenza definitiva li tiġi mogħtija wara;**

**Fuq din id-distinzjoni l-Mattirolo (Diritto Giudiziario, Vol. IV, no. 26 ,pag. 26) jgħid :— "Che in dottrina le sentenze che risolvono una controversia sussistente fra le parti, si divi-**

dono in "definitive" ed "interlocutorie", secondo che pongono termine al giudizio ovvero non pongono fine e si pronunziano nel corso di esso, mentre la causa procede verso il suo naturale compimento";

Din il-Qorti, bis-sentenza tad-20 ta' April 1925, in re "Tabone vs. Borg Olivier" (Kollez. Vol. XXVI—I—115), sostniet li "una sentenza è definitiva quando 'terminat negotium de quo agitur', ed è interlocutoria 'quando non terminat negotium principale et etiam post se expectat sententiam'." U kompliet tghid li s-sentenzi definitivi huma dawk li jiddeċidu u jaqtghu definitivament il-meritu tad-domandi proposti fil-ġudizzju, u dawk li jilliberaw il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Iżjed 'il-quddiem dik l-istess sentenza, fuq l-awtorità tal-Mattirolo, tal-Mortara Aristo, u tal-Pescatore, tghid li s-sentenza interlokutorja "può essere considerata sotto un duplice aspetto, in quanto cioè risolve una quistione incidentale sollevata tra le parti, ed in quanto si riferisce alla quistione principale di merito. Sotto il primo aspetto la sentenza "vim habet definitivam", imperciocchè risolve definitivamente il punto con essa deciso, ed in ordine a questo punto costituisce la cosa giudicata. All'incontro, la quistione definitiva di merito non è stata risolta dalla sentenza interlocutoria; questa perciò non presenta, per tale quistione, autorità di cosa giudicata, nè il giudice può dirsi vincolato nella decisione del merito dal suo anteriore pronunciato, col quale si limitò a provvedere circa all'incidente";

B'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-20 ta' Lulju 1918 in re "Borg Olivier vs. Fava" (Kollez. Vol. XXIII—I—623), gie ritenut li fil-ġurisprudenza taghna taht l-isem ta' "digrieti interlokutorji" ghandhom jitqiesu "le ordinanze della Corte preparatorie od ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi 'preparatorie', e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamansi 'ordinatorie' " (ara anki, f'sens konformi, sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru 1920 in re "Pace Axiak vs. Caruana", Kollez. Vol. XXIV—I—582; 1 ta' Ġunju 1925 in re "Busuttil vs. Mallia", Kollez. Vol. XXVI—I—164; u 27 ta' Mejju 1946 in re "Vassallo vs. Bonello"; u 27 ta' Ġunju 1949 in re "Fenech vs. Vella");

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-iskorta tad-dottrina u tal-ġurisprudenza fuq ċitata, id-deċiżjoni appellata hija digriet interlokutorju, u l-appell kontra tiegħu kellu jsir b'rikors u fit-terminu stabbilit mill-art. 227 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan taħt piena ta' nullità. Billi l-appellant naqas li jimxi fuq dik il-proċedura stabbilita, l-appell huwa null u ineffikaċi;

Għaldaqstant;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-atturi appellati, u tiddikjara null u bla effett l-appell miġjub 'il-quddiem mill-konvenut kontra s-imsemmija deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-19 ta' April 1950; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellant.